MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2013

Numru 273/2009

Il-Pulizija

(Spettur Daniel Zammit)

vs

Justin Polidano

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat bil-karta ta' l-identita numru 177285 (M);

Akkuzat talli nhar it-3 ta' Marzu 2009 ghall-habta tas-sitta u nofs ta' filghodu (6.30hrs) gewwa Triq il-Karmnu, San Giljan, kkommetta serq minn gewwa residenza Numru 42 ghad-dannu ta' Attilo Pace u Dolores Pace, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jaqbez l-elefejn tliet mija u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2329.27 Euro) u bil-lok;

U wkoll talli rrenda ruhu ricedif ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li nstab hati b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula kif ukoll talli wettaq reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza.

Rat ir-rinviju ghall-gudizju tal-Avukat Generali li permezz tal-artikoli tal-ligi hemm citati bghat lill-imputat quddiem din il-Qorti biex jigi gudikat rigward il-htija jew nuqqas taghha;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni biex il-kawza tinstema' sommarjament;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-kawza titratta fuq serq aggravat bil-mezz, lok u valur li jeccedu 2329.37 Euro mill-fond residenzjali fi Triq il-Karmnu San Giljan, numru 42. Illi apparti ghar-reat ta' seq, l-imputat huwa akkuzat ukoll li wettaq dan ir-reat fi zmien operattiv ta' sentenza sospiza b'hekk li rrenda ruhu ricediv anke permez tal-Artikolu 28F tal-Kap 9.

Dan kollu hu rifless fl-Artikoli ghall-gudizzju mahruga mill-Avukat Generali li ai termini taghhom l-Qorti serja tiddeciedi l-kawza odjerna.

Skond il-verbal tallum stess, l-imputat ghazel li jirregistra ammissjoni f'liema huwa insista anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra. ghandu jigi osservat hawn hekk li l-provi (rrispettivament mill-ammissjoni) huma wkoll tali li ma jhallux ebda dubbju dwar il-htija tal-imputat. Dawna l-provi jikkonsistu fl-elevazzjoni ta' impronti digitali minn fuq gewwa l-fond derubat li gew komparati posittivament mal-impronti digitali tal-imputat.

In vista ta' dan u l-verbal tal-Qorti ta' llum sess, wara li rat l-Artikolu 261(b)(c)(e), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 269(g), 278(2)(3), 279(a), 280(2), 281, 49, 50, 288 u 28F tal-Kap 9, tikkundanna lill-imputat ghal sentejn prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------